Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TIELET LAQGĦA AĠĠORNATA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il- Ġimgħa, 19 ta' Ġunju 2015

**Ħin:** Mill-5.00pm sas-6.40pm

**Preżenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech (Skuzat)
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

Il-Viċi Sindku Andre Grech informa lis-Segretarju Eżekuttiv li huwa ma jistax jattendi għaliex jinsab imsiefer fuq xogħol.

**4. <u>Management Letter 2014</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet il-*Management letter* li ġġib id-data tal-5 ta' Mejju 2015 u risposta *draft* li ġġib id-data tal-11 ta' Ġunju 2015 (mehmuż). Il-Kunsillier, J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier D. Muscat ippropona r-risposta tal-*Management Letter* għall-approvazzjoni. Ir-risposta *draft* ġiet approvata unanimament u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

**6. <u>Approvazzjoni tal-Ħlasijiet</u>**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-11 ta' Frar 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 101,888.07

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Muscat li kien issekondat mill-Kunsillier D. Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

7. **<u>Tqegħid ta' dokumenti u rapporti</u>**

**<u>Tender Ġbir ta' Skart Goff- BLC 2/15</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra, tlett (3) tenders li kienu ta' Lino Micallef (€ 1.80), Saviour Mifsud (€ 4.50) u Dimbros Ltd (€ 1.49). Ir- rati mitfugħa huma għal kull kollezzjoni mid-djar.

Is-Segretarju Eżekuttiv sostna li filwaqt li jidher li l-irħas offerta hija dik ta' Dimbros Ltd, kif inhu l-prassi huwa jibgħat lill-Kunsilli kollha biex tingħata informazzjoni fuq kuntratti simili li għandhom ma' dawn il-kuntratturi jekk qattx inħarġu *default notices* fil-konfront tagħhom. Fuq l-irħas offerta kienu inħarġu żewġ (2) default notices u għalhekk wieħed irid joqgħod attent qabel ma jiddeċiedi.

Il-Kunsill talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jieħu parir legali f'kaz li t-tender tingħata lit-tieni l-irħas offerta jekk ikunx hemm il-lok li jsir appell fuq dan u tittieħed deċizjoni fil-laqgħa li jmiss.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 fl-4pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data